DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2010/105/PESK

tat-22 ta' Frar 2010

li testendi l-miżuri restrittivi kontra t-tmexxija tar-reġjun Transnistrijan tar-Repubblika tal-Moldova

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fil-25 ta' Frar 2008, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2008/160/PESK li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra t-tmexxija tar-reġjun Transnistrjan tar-Repubblika ta' Moldova [1]. Dawk il-miżuri restrittivi ġew mġedda bil-Pożizzjoni Komuni 2009/139/PESK [2] sas-27 ta' Frar 2010.

(2) Abbażi ta' eżami mill-ġdid tal-Pożizzjoni Komuni 2008/160/PESK, il-miżuri restrittivi għandhom jiġu estiżi għal perijodu ulterjuri ta' 12-il xahar.

(3) Bil-għan li jiġi inkoraġġut il-progress fil-kisba ta' ftehim politiku għall-konflitt Transnistrijan, li jiġu indirizzati l-problemi li għad fadal tal-iskejjel li jgħallmu bil-kitba Latina u li tiġi restawrata l-libertà ta' moviment tal-persuni, il-miżuri restrittivi għandhom jiġu sospiżi sat-30 ta' Settembru 2010. Fi tmiem dak il-perijodu, il-Kunsill ser jirrevedi l-miżuri restrittivi fid-dawl tal-iżviluppi, b'mod partikolari fl-oqsma msemmija hawn fuq. Il-Kunsill jista' jiddeċiedi li japplika mill-ġdid jew ineħħi r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar fi kwalunkwe żmien.

(4) Madankollu, m'għadx hemm raġunijiet, kif imsemmija fl-Artikolu 1(1)(i) u (ii) tal-Pożizzjoni Komuni 2008/160/PESK biex ċerti persuni jinżammu fuq il-listi stabbiliti fl-Annessi I u II ta' dik il-Pożizzjoni Komuni. Dawk il-listi għandhom jiġu emendati kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-miżuri restrittivi previsti fil-Pożizzjoni Komuni 2008/160/PESK huma b'dan estiżi sas-27 ta' Frar 2011.

2. Il-miżuri restrittivi previsti fil-Pożizzjoni Komuni 2008/160/PESK huma b'dan sospiżi sat-30 ta' Settembru 2010.

3. Il-Kunsill għandu jirrevedi s-sospensjoni tal-miżuri restrittivi u l-listi stabbiliti fl-Annessi I u II tal-Pożizzjoni Komuni 2008/160/PESK qabel it-30 ta' Settembru 2010.

Artikolu 2

1. Il-persuni msemmijin fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni għandhom jitneħħew mil-lista stabbilita fl-Anness I għall-Pożizzjoni Komuni 2008/160/PESK.

2. Il-persuna msemmija fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni għandha titneħħa mil-lista stabbilita fl-Anness II għall-Pożizzjoni Komuni 2008/160/PESK.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Frar 2010.

Għall-Kunsill

Il-President

C. ASHTON

[1] ĠU L 51, 26.2.2008, p. 23.
[2] ĠU L 46, 17.2.2009, p. 76.

ANNESS I

Lista ta' persuni msemmijin fl-Artikolu 1(1)(i)

4. MARAKUTSA, Grigory Stepanovich,

10. ZAKHAROV, Viktor Pavlovich,

ANNESS II

Lista ta' persuni msemmijin fl-Artikolu 1(1)(ii)

1. URSKAYA, Galina Vasilyevna.